31975R0584

L 61/25 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 7.3.1975

REGOLAMENT (KEE) Nru 584/75 TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' Marzu 1975

li jistabilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' appalt għal rifużjoni ta' esportazzjoni fuq ir-ross

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 359/67/KEE (1) tal-25 ta' Lulju 1967 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tar-ross, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 476/75 (2),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 366/67/KEE (3) tal-25 ta' Lulju 1967 li jistabilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta' rifużjoni ta' esportazzjoni fuq ir-ross u kriterji għall-iffissar tal-ammont ta' dawn ir-rifużjonijiet, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 478/75 (4), u partikolarment Artikolu 3a (2) tiegħu,

Billi Artikolu 3a tar-Regolament Nru 366/67/KEE jipprovdi li r-rifużjoni ta' esportazzjoni jistgħu f'każijiet xierqa jkunu iffissati permezz ta' sejħa għal offerti għal xogħol bl-appalt marbuta ma' kwantita speċifika;

Billi regoli dettaljati għal tali proċedura ta' appalt jkunu stipulati;

Billi, sabiex ikun assigurat trattament ugwali għall-partijiet interessati fil-Komunità, stedin għal appalt irid ikun organizzat skond prinċipji uniformi; billi għal dan l-iskop pubblikazzjonijiet fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* ta' deċiżjoni rigward il-ftuħ ta' sejħa għal offerti għal xogħol bl-appalt għandu jkun akkumpanjat minn avviż għal invit ta' appalt;

Billi l-iskop ta' ffissar għal rifużjoni ta' esportazzjoni permezz ta' sejħa għal offerti għal xogħol bl-appalt ikun li jippermetti immaniġġjar aħjar tas-suq; billi għal dan il-għan huwa essenzjali li appalti jkunu jinkludu informazzjoni meħtieġa għall-valutazzjoni tagħhom iridu jkunu akkumpanjati minn impenn formali;

Billi rifużjoni ta' esportazzjoni massimu għandu jkun iffissat; billi dan il-metodu jippermetti kuntratti li għandhom ikunu mogħtija rigward il-kwantitajiet kollha konċernati;

Billi jista' jkun hemm sitwazzjonijiet tas-suq li fihom ikun ċar minn eżami tal-aspetti ekonomiċi tal-esportazzjonijiet proposti li minflok iffissar ta' rifużjoni l-Kummissjoni ma jmissha tieħu ebda azzjoni għall-appalti;

Billi, sabiex ikun assigurat li titwettaq esportazzjoni taħt il-liċenzja maħruġa għall-iskop tal-invit għal appalt, tkun meħtieġa assigurazzjoni għal appalt, tali assigurazzjoni tintilef kemm-il darba tkun irtirata l-offerta;

Billi għandhom ikunu stipulati proċeduri rigward il-komunikazzjonijiet għall-appalti tar-riżultat ta' sejħa għal offerti għal xogħol bl-appalt u anke sabiex tinħareġ il-liċenzja meħtieġa għall-esportazzjoni tal-kwantitajiet mogħtija;

Billi il-miżuri li hemm pprovdut għalihom f'dan ir-Regolament huma skond l-Opinjoni tal-Kumitat t'Immaniġġjar għaċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Deċiżjoni biex jinfetaħ invit għall-appalt taħt Artikolu 3a (1) tar-Regolament Nru 366/67/KEE tkun addottata skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 26 tar-Regolament Nru 359/67/KEE.

Tali Deċiżjoni tispeċifika t-termini tal-invit għal appalt. Tali termini jridu jiggarantixxu aċċess ugwali għall-persuni kollha stabbiliti fil-Komunità u jistgħu bħala miżura eċċezzjonali jippreskrivu perijodu speċjali ta' validita għal liċenzji ta' esportazzjoni maħruġa b'konnessjoni ma' l-invit konċernat.

2. Il-ftuħ ta' sejħa għal offerti għal xogħol bl-appalt jkun akkumpanjat b'avviż ta' sejħa għal offerti għal xogħol bl-appalt imħejji mill-Kummissjoni. Dan l-avviż ikun jinkludi *inter alia* l-partikulari tal-kwantità totali rigward liema rifużjoni ta' esportazzjoni massima jista' jkun iffissat taħt Artikolu 5(1) li jidher hawn, dwar id-dati varji għas-sottomissjoni tal-appalt u tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li lilhom tali appalti jridu jkunu indirizzati. Bejn il-pubblikazzjoni tal-imsemmi avviż u l-ewwel data iffissata għas-sottomissjoni tal-appalti, jrid ikun hemm tal-inqas perijodu t'għaxart ijiem. L-avviż ikun jindika wkoll d-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-appalti.

(1) ĠU Ċ 174, tal-31.7.1967, p. 1.
(2) ĠU L 52, tat-28.2.1975, p. 31.
(3) ĠU Ċ 174, tal-31.7.1967, p. 34.
(4) ĠU L 52, tat-28.2.1975, p. 34.

3. Iż-żewġ deċiżjonijiet li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1 u l-avviż għal invit għal *tender* li hemm riferenza għaliha fil-paragrafu 2 jkunu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 2

1. L-offerti, li jkunu miktubin bl-idejn, jistgħu jew jitwasslu personalment lill-awtorità kompetenti u tinħareġ riċevuta, jew jintbagħtu lill-istess awtorità b'ittra reġistrata, *telex* jew telegramm.

2. L-offerta tkun tindika:

(a) l-invit li għalih tirreferi l-offerta;

(b) l-isem u l-indirizz ta' min jagħmel l-offerta;

(ċ) in-natura u l-kwantità tal-prodott li se jkun esportat;

(d) l-ammont tar-rifużjoni ta' esportazzjoni propost għal kull tunnellata metrika, fil-munita tal-Istat Membru tal-awtorità fuq imsemmija.

3. Offerta tkun valida biss jekk:

(a) qabel l-għeluq ta' żmien għas-sottomissjoni tal-offerti tkun mogħtija prova li l-appaltatur ikun għamel il-garanzija meħtieġa għall-invit ta' appalt;

(b) tkun akkumpanjata b'impenn mogħti bil-miktub li tintefa', fi żmien jumejn wara r-riċeviment ta' notifika in segwitu għal Artikolu 6 tal-għoti ta' kuntratt, applikazzjoni għal liċenzja ta' esportazzjoni rigward il-kwantità mogħtija, flimkien m'applikazzjoni għall-iffissar bil-quddiem ta' rifużjoni ta' esportazzjoni ugwali għal dak indikat fl-offerta.

4. Offerta li ma tkunx mitfugħa skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, jew li jkun fiha termini differenti minn dawk indikati fl-avviż għal invit għall-offerta, ma tkunx ikkunsidrata.

5. Darba offerta tkun mitfugħa ma tistax tkun irtirata u d-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 5(3) tar-Regolament (KEE) Nru 193/75 ma jkunux japplikaw rigward applikazzjoni għal liċenzja jew ċertifikat mitfugħa taħt il-paragrafu 3 (b) hawn indikat.

Artikolu 3

1. Ebda offerta ma tkun ikkunsidrata jekk ma ssirx l-assigurazzjoni xierqa.

L-ammont ta' tali assigurazzjoni jkun iffissat fir-Regolament marbut mal-ftuħ tal-invit għall-appalti rilevanti.

2. L-appaltatur jista' jagħti l-assigurazzjoni jew fi flus inkella f'forma ta' garanzija mogħtija mill-istabiliment li taqbel mal-kriterji stipulati mill-Istat Membru konċernat.

Kull Stat Membru jgħarraf lill-Kummissjoni bil-kriterji preskritti minnu għall-iskopijiet tas-subparagrafu preċedenti u l-Kummissjoni min-naħa tagħha tinforma lill-Istati Membri l-oħra dwar dan.

Artikolu 4

1. L-offerti jkunu eżaminati f'sessjoni privata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Il-persuni preżenti waqt l-eżami jkunu marbutin li ma jiżvelaw xejn dwar id-dettalji ta' dak li jkun sar.

2. L-offerti għandhom ikunu komunikati f'forma anonima u bla dewmien lill-Kummissjoni.

Artikolu 5

1. A bażi tal-offerti sottomessi, il-Kummissjoni, waqt li taġixxi bil-proċedura stipulata f'Artikolu 26 tar-Regolament Nru 359/67/KEE, tiddeċiedi jew li tiffissa rifużjoni ta' esportazzjoni massimu, waqt li tikkunsidra partikularment il-kriterji stabbiliti f'Artikoli 2 u 3 tar-Regolament Nru 366/67/KEE, jew li ma tagħti l-ebda deċiżjoni dwar dawk l-offerti.

2. Jekk ikun iffissat rifużjoni massima ta' esportazzjoni, jingħata kuntratt lil kwalunkwe appaltatur li l-offerta tiegħu tindika rata ta' rifużjoni ugwali jew inqas mill-massimu.

Artikolu 6

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru konċernat, hekk kif il-Kummissjoni tilħaq deċiżjoni taħt Artikolu 5(1) dwar dan, tinnotifika bil-miktub lill-appaltaturi kollha bir-riżultat tal-parteċipazzjoni tagħhom fl-invit għall-offerti.

Artikolu 7

1. Ħlief f'każijiet ta' *force majeure*, l-assigurazzjoni meħtieġa taħt Artikolu 3 tkun rilaxxjata biss fuq kwantità tali li għaliha l-appaltatur huwa kapaċi jforni prova taħt il-liċenzja ta' esportazzjoni maħruġa in segwitu għal Artikolu 8, jew għal liema l-offerta tiegħu kienet rifjutata. L-assigurazzjoni tkun rilaxxata minnufih.

2. Fil-każ ta' forza maġġuri japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 20 tar-Regolament (KEE) Nru 193/75.

Artikolu 8

1. L-għoti ta' kuntratt jintitola l-parti konċernata biex tinħarġilha, mal-għeluq tal-perijodu speċifikat f'Artikolu 2(3)(b), liċenzja ta' esportazzjoni għall-kwantità li għaliha tali għotja tirrelata.

2. Permezz ta' deroga minn Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 193/75, jista' jkun ipprovdut li d-drittijiet taħt il-liċenzja ta' esportazzjoni maħruġa in segwitu għall-paragrafu preċedenti ma tkunx trasferibbli.

Artikolu 9

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal- Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament ikun jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-6 ta' Marzu 1975.

Għall-Kummissjoni

P. J. LARDINOIS

Membru tal-Kummissjoni